REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/621

tas-17 ta' April 2019

dwar l-informazzjoni teknika meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tal-oġġetti li jridu jiġu ttestjati, dwar l-użu tal-metodi ta' ttestjar rakkomandati, u li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-format tad-*data* u l-proċeduri għall-aċċess għall-informazzjoni teknika rilevanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Skont id-Direttiva 2014/45/UE, sabiex jiġi ffaċilitat l-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali tal-vetturi bil-mutur u tat-trejlers tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-ġabra meħtieġa ta' informazzjoni teknika għall-ittestjar tal-oġġetti u dwar l-użu tal-metodi ta' ttestjar rakkomandati.

(2) L-Anness I tad-Direttiva 2014/45/UE jistabbilixxi l-għadd minimu ta' oġġetti li jridu jiġu ttestjati, l-istandards minimi li jridu jintużaw u l-metodi ta' ttestjar rakkomandati.

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat l-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali tal-vetturi bil-mutur u tat-trejlers tagħhom, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta wkoll regoli dettaljati dwar il-format tad-*data* u l-proċeduri għall-aċċess għall-informazzjoni teknika rilevanti.

(4) L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-ittestjar tal-affidabbiltà stradali l-vetturi b'żewġ jew bi tliet roti – il-kategoriji ta' vetturi L3e, L4e, L5e u L7e b'ċilindrata ta' iktar minn 125 cm^3 – jekk ikunu ddaħħlu fis-seħħ miżuri alternattivi effettivi tas-sikurezza fit-toroq. Madankollu, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-introduzzjoni u l-armonizzazzjoni tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali ta' dawn il-vetturi, jenħtieġ li tiġi definita wkoll ġabra ta' informazzjoni bħala gwida.

(5) Jenħtieġ li l-obbligi u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jaffettwawx l-obbligi u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 ([2]) u (KE) Nru 595/2009 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(6) Jenħtieġ li l-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jimplimentaw is-soluzzjonijiet online meħtieġa biex l-informazzjoni teknika ssir disponibbli għaċ-ċentri tal-ittestjar u għall-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma adottati skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2014/45/UE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi għat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali tal-vetturi bil-mutur u tat-trejlers tagħhom:

(a) il-ġabra ta' informazzjoni teknika dwar it-tagħmir tal-ibbrejkjar, l-istering, il-viżibbiltà, il-fanali, ir-rifletturi, it-tagħmir elettriku, il-fusien, ir-roti, it-tajers, is-suspenxin, ix-xażi, l-aċċessorji tax-xażi, tagħmir u partijiet oħra meħtieġa għall-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tal-oġġetti li jridu jiġu ttestjati, u dwar l-użu tal-metodi ta' ttestjar rakkomandati, skont il-punt 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2014/45/UE, u

(b) ir-regoli dettaljati dwar il-format tad-*data* u l-proċeduri għall-aċċess għall-informazzjoni teknika rilevanti.

([1]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy — duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi soġġetti għal testijiet tal-affidabbiltà stradali f'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/45/UE, li ġew irreġistrati jew li bdew jintużaw għall-ewwel darba fi Stat Membru mill-20 ta' Mejju 2018.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "manifattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika kif definit fir-Regolamenti (UE) Nru 167/2013 ([4]) u (UE) Nru 168/2013 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]);

(2) "rappreżentant tal-manifattur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika kif definit fir-Regolament (UE) Nru 167/2013, fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 u fid-Direttiva 2007/46/KE;

(3) "tinqara mill-magna" tfisser li tista' tintuża direttament minn kompjuter;

(4) "informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni" tfisser l-informazzjoni kif definita fir-Regolamenti (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 u fid-Direttiva 2007/46/KE;

(5) "reġistrazzjoni" tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva għad-dħul fis-servizz fit-traffiku tat-triq ta' vettura kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE ([7]).

Artikolu 4

Informazzjoni teknika dwar il-vettura

L-informazzjoni teknika meħtieġa għat-twettiq tat-test tal-affidabbiltà stradali hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Proċeduri għall-aċċess għall-informazzjoni teknika dwar il-vettura

1. L-informazzjoni teknika dwar il-vettura stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandha tkun disponibbli għaċ-ċentri tal-ittestjar u għall-awtoritajiet kompetenti rilevanti b'mod mhux diskriminatorju, faċilment aċċessibbli, mingħajr restrizzjonijiet, f'waqtu u konsistenti.

2. L-informazzjoni teknika għandha tkun disponibbli mhux iktar tard minn sitt xhur wara r-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz tal-vettura. Madankollu, għall-vetturi rreġistrati jew li ddaħħlu fis-servizz bejn l-20 ta' Mejju 2018 u l-20 ta' Novembru 2019, din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli fl-20 ta' Mejju 2020.

3. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 2, fil-każijiet stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni u fil-ħames inċiż tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2014/45/UE, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni teknika liċ-ċentru tal-ittestjar u lill-awtorità kompetenti rilevanti meta tintalablu u mingħajr dewmien.

4. Il-manifattur għandu jipprovdi l-emendi u s-supplimenti sussegwenti għall-informazzjoni teknika msemmija fil-paragrafu 1 liċ-ċentri tal-ittestjar u lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti fl-istess ħin li jsiru disponibbli l-emendi u s-supplimenti għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura.

5. L-informazzjoni teknika għandha tkun disponibbli bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru taċ-ċentru tal-ittestjar jew bi kwalunkwe lingwa oħra miftiehma mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

([6]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

6. Il-manifatturi għandhom jiddeżinjaw punt ta' kuntatt responsabbli għall-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni teknika dwar il-vettura. Id-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-manifattur. Il-punt ta' kuntatt jista' jkun ukoll ir-rappreżentant tal-manifattur.

7. Sabiex jiġi żgurat li ċentru ta' ttestjar li jitlob l-aċċess għall-informazzjoni teknika dwar il-vettura jiġi awtorizzat skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2014/45/UE, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom jassistu lill-manifattur kif xieraq.

Artikolu 6

Format tad-data

1. L-informazzjoni teknika għandha tkun disponibbli mill-manifattur abbażi tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura f'format ta' *data* b'sors miftuħ u strutturat:

(a) għall-awtoritajiet kompetenti, jekk jitolbuha, bħala ġabra ta' fajls ta' *data* li jistgħu jinqraw u jintużaw mill-magna offline, u

(b) għaċ-ċentri tal-ittestjar u għall-awtoritajiet kompetenti permezz ta' soluzzjoni online. Meta tintuża soluzzjoni online, l-informazzjoni teknika, li jeħtieġ li tiġi pprovduta fuq sit web mill-manifattur fl-istess ħin bħala parti mill-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, għandha tkun disponibbli fl-istess format tad-*data*. Informazzjoni teknika oħra dwar il-vettura għandha tkun disponibbli fil-format tad-*data* li jintuża għal informazzjoni simili.

2. Il-manifattur jista' jiddevja mir-rekwiżiti definiti fil-paragrafu 1 fir-rigward ta' vetturi li jirċievu approvazzjoni tat-tip individwali, nazzjonali jew ta' serje żgħira kif imsemmi fir-Regolamenti (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 u fid-Direttiva 2007/46/KE, jew jekk il-manifattur ma jkollux jikkonforma mar-Regolamenti (KE) Nru 715/2007, (UE) Nru 167/2013 jew (UE) Nru 168/2013. Madankollu, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta b'mod faċilment aċċessibbli u konsistenti li jista' jiġi pproċessat bi sforz raġonevoli.

3. Fil-każ ta' vetturi li jirċievu approvazzjoni tat-tip stadju wara l-ieħor, imħallta jew f'diversi stadji kif imsemmi fir-Regolamenti (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 u fid-Direttiva 2007/46/KE, il-manifattur responsabbli għall-istadju partikolari tal-immuntar għandu jkun responsabbli biex jikkomunika l-informazzjoni teknika dwar il-vettura b'rabta ma' sistema, ma' komponent jew ma' unità teknika separata partikolari għal dak l-istadju lill-manifattur finali. Il-manifattur finali għandu jkun responsabbli biex jipprovdi l-informazzjoni teknika dwar il-vettura kompluta lill-awtoritajiet kompetenti u liċ-ċentri tal-ittestjar.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-vetturi li jirċievu approvazzjonijiet individwali, nazzjonali jew ta' serje żgħira kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u (UE) Nru 168/2013 u fid-Direttiva 2007/46/KE.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-20 ta' Mejju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

1. **ĠENERALI**

I. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "struzzjonijiet għall-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura" għandha tfisser l-informazzjoni dijanjostika bażika u l-informazzjoni dwar it-test tal-iffittjar, b'mod partikolari:

I.1. Deskrizzjoni tal-post fejn tinsab l-interfaċċa elettronika tal-vettura u tal-aċċess tagħha li tkun speċifika għall-vettura kkonċernata.

I.2. Informazzjoni dwar jekk is-sistema speċifika tappoġġax l-interazzjoni dijanjostika (Iva/Le). Jekk iva:

I.2.1. Speċifikazzjoni tat-tipi ta' xarabanks u tal-protokolli li tkun speċifika għall-vettura kkonċernata

I.2.2. Speċifikazzjoni tal-parametri tal-komunikazzjoni tas-sistema/tal-funzjoni spezzjonata li tkun speċifika għall-vettura kkonċernata

I.3. Informazzjoni dwar is-sistema installata oriġinarjament li tkun speċifika għall-vettura kkonċernata.

II. L-informazzjoni teknika tal-vettura li tikkonċerna l-vetturi tal-kategorija L u l-vetturi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/45/UE hija indikata bħala gwida.

2. **INFORMAZZJONI GĦALL-ITTESTJAR**

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
1. TAGĦMIR TAL-IBBREJKAR							
1.1. Kundizzjoni mekkanika u ħaddim							
1.1.1. Pern tal-pedala/liver manwali tal-brejk ta' servizz	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed tiġi ħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar. Nota: Jenħtieġ li l-vetturi b'sistemi tal-ibbrejkjar assistiti jiġu spezzjonati bil-magna mitfija.						
1.1.2. Kundizzjoni tal-pedala/liver manwali u kors tal-apparat li jħaddem il-brejkijiet	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed tiġi ħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar Nota: Jenħtieġ li l-vetturi b'sistemi tal-ibbrejkjar assistit jiġu spezzjonati bil-magna mitfija.						
1.1.3. Pompa li toħloq vakwu jew kompressur u kompartimenti	Spezzjoni viżiva tal-komponenti fi pressjoni operattiva normali. Kontroll tal-ħin meħtieġ sakemm il-vakwu jew il-pressjoni tal-arja jilħqu livell sikur ta' ħaddim u l-funzjonament tal-apparat ta' twissija, tal-valv ta' protezzjoni b'diversi ċirkwiti u tal-valv għar-rilaxx tal-pressjoni.	Pressjoni/livell massimu – livell minimu f'[bar] *Ara UN R13 5.1.4.5.2*		X			
		Pressjoni statika tal-għeluq tal-valv ta' protezzjoni b'diversi ċirkwiti [bar] *Ara UN R13 5.1.4.5.2*		X			X

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
1.1.4. Gejġ jew indikatur ta' twissija ta' pressjoni baxxa	Kontroll tal-funzjonament						
1.1.5. Valv tal-kontroll tal-brejkijiet imħaddem manwalment	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar.						
1.1.6. Attivatur tal-brejk tal-ipparkjar, kontroll tal-liver, krikk tal-brejk tal-ipparkjar, brejk elettroniku tal-ipparkjar	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar.	Deskrizzjoni ġenerali għall-brejk elettroniku tal-ipparkjar	X	X			X
1.1.7. Valvijiet tal-ibbrejkjar (valvijiet irregolati bis-sieq, unloaders, u regolaturi)	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar.						
1.1.8. Akkoppjamenti għall-brejkijiet tat-trejlers (tal-elettriku u pnewmatiċi)	Skonnettja u kkonnettja mill-ġdid l-akkoppjament tas-sistema tal-ibbrejkjar bejn il-vettura tal-irmonk u t-trejler.						
1.1.9. Akkumulatur jew tank tal-pressjoni	Spezzjoni viżiva.						
1.1.10. Unitajiet servo tal-brejk, iċ-ċilindru ewlieni (sistemi idrawliċi)	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli.						
1.1.11. Pajpijiet riġidi tal-brejkijiet	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli.						
1.1.12. Pajpijiet flessibbli tal-brejkijiet	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli.						
1.1.13. Kisi u pads tal-brejkijiet	Spezzjoni viżiva.	Metodu ta' valutazzjoni tal-użu u tal-limitu tal-użu *Ara UN R13 5.2.1.11.2 u 5.2.2.8.2.*	X	X	X	X	
1.1.14. Tnabar tal-brejkijiet, diski tal-brejkijiet	Spezzjoni viżiva.	Metodu ta' valutazzjoni tal-użu u tal-limitu tal-użu *Ara UN R13 5.2.1.11.2 u 5.2.2.8.2.*	X	X	X		
1.1.15. Kejbils, vireg, livers u konnessjonijiet tal-brejkijiet	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed titħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli.						

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
1.1.16. Attwaturi tal-brejkijiet (inkluż il-brejkijiet bil-molla jew iċ-ċilindri idrawliċi)	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed tiġi ħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli.	Tip ta' ċilindru tal-brejk Ta' servizz/Tal-ipparkjar Stroke massima [mm] Tul tal-liver [mm] *Ara UN R13 5.1.4.5.2*		X	X		
1.1.17. Valv ta' detezzjoni tat-tagħbija fuq il-brejk	Spezzjoni viżiva tal-komponenti waqt li tkun qed tiġi ħaddem is-sistema tal-ibbrejkjar, jekk possibbli.	Pressjoni tal-input [bar]		X	X		
		Pressjoni tal-output għal x % tat-tagħbija massima fuq il-fus [bar] *UN R 13, Anness 10 7.4+ id-Dijagramma 5*		X	X		
1.1.18. Aġġustaturi u indikaturi tal-laxkezza	Spezzjoni viżiva.	Stroke massima [mm] *Ara UN R13 5.1.4.5.2*		X	X		
		prinċipju ta' tħaddim [aġġustament awtomatiku/manwali]		X	X		
1.1.19. Sistema tal-ibbrejkjar ta' reżistenza (jekk iffittjata jew meħtieġa)	Spezzjoni viżiva.						
1.1.20. Tħaddim awtomatiku tal-brejkijiet tat-trejler	Skonnettja l-akkoppjament tal-brejkijiet bejn il-vettura tal-irmonk u t-trejler.						
1.1.21. Sistema tal-ibbrejkjar kompleta	Spezzjoni viżiva						
1.1.22. Konnessjonijiet li jintużaw għall-ittestjar (jekk iffittjati jew meħtieġa)	Spezzjoni viżiva	Post u identifikazzjoni tal-konnessjonijiet tat-test *Ara UN R 13 5.1.4.2*		X	X		
		Post u identifikazzjoni tal-konnessjonijiet tat-test Ara 2015/68, l-Anness I. 2.1.8.1					X
1.1.23. Brejk tal-overrun	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
1.2 Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk ta' servizz							
1.2.1. Prestazzjoni	Waqt test fuq tagħmir tal-ittestjar tal-brejkijiet jew, jekk ma jkunx possibbli, waqt test fit-triq, agħfas il-brejkijiet b'mod progressiv sal-ogħla sforz possibbli.	Rekwiżiti speċifiċi għall-ittestjar tal-vettura fuq tagħmir tal-ittestjar tal-brejkijiet (modalità tal-ittestjar)	X	X	X	X	X

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
1.2.2. Effiċjenza	Ittestja b'tagħmir tal-ittestjar tal-brejkijiet jew, jekk dan ma jistax jintuża minħabba raġunijiet tekniċi, permezz ta' test fit-triq bl-użu ta' strument tal-irrekordjar tad-deċellerazzjoni biex jiġi stabbilit il-proporzjon tal-ibbrejkjar li huwa relatat mal-massa awtorizzata massima, jew fil-każ tas-semitrejlers, mal-ammont totali tat-tagħbijiet awtorizzati fuq il-fus. Il-vetturi jew trejler b'massa massima permissibbli ogħla minn 3,5 tunnellati jridu jiġu spezzjonati skont l-istandards mogħtija mill-ISO 21069 jew metodi ekwivalenti. Jenħtieġ li t-testijiet fit-triq isiru f'kundizzjonijiet xotti fuq triq ċatta u dritta.	Pressjoni tad-disinn tas-sistema għat-tagħbija massima [bar] *Ara UN R13 5.1.4.5.2*		X	X		
		Il-forza tal-ibbrejkjar ta' referenza [kN] bi pressjoni tal-input [bar] fuq il-fus 1		X	X		
		Il-forza tal-ibbrejkjar ta' referenza [kN] bi pressjoni tal-input [bar] fuq il-fus 2		X	X		
		Il-forza tal-ibbrejkjar ta' referenza [kN] bi pressjoni tal-input [bar] fuq il-fus 3		X	X		
		Il-forza tal-ibbrejkjar ta' referenza [kN] bi pressjoni tal-input [bar] fuq il-fus 4 *Ara UN R13 5.1.4.6.2*		X	X		
		Kalkolu tal-pressjoni għal kull fus		X	X		
1.3. Prestazzjoni u effiċjenza tal-ibbrejkjar sekondarju (ta' emerġenza) (jekk issodisfati minn sistema separata)							
1.3.1. Prestazzjoni	Jekk is-sistema sekondarja tal-ibbrejkjar tkun separata mis-sistema tal-ibbrejkjar ta' servizz, uża l-metodu speċifikat f'1.2.1.	Deskrizzjoni ġenerali tas-sistema inkluż iċ-ċirkwiti (definizzjoni ċara tal-brejk sekondarju)	X	X			X
1.3.2. Effiċjenza	Jekk is-sistema sekondarja tal-ibbrejkjar tkun separata mis-sistema tal-ibbrejkjar ta' servizz, uża l-metodu speċifikat f'1.2.2.						
1.4. Prestazzjoni u effiċjenza tal-brejk tal-ipparkjar							
1.4.1. Prestazzjoni	Agħfas il-brejk waqt it-test fuq tagħmir tal-ittestjar tal-brejkijiet.	Deskrizzjoni ġenerali tas-sistema, inkluż il-proċedura tat-test rakkomandata jekk it-test dinamiku (fuq tagħmir tal-ittestjar tal-brejkijiet jew test fit-triq) ma jkunx possibbli	X	X	X		
1.4.2. Effiċjenza	Ittestja b'tagħmir tal-ittestjar tal-brejkijiet. Jekk mhux possibbli, allura ttestja b'test fit-triq bl-użu ta' strument ta' rekordjar indikattiv jew tad-deċellerazzjoni jew bil-vettura fuq pendil b'gradjent magħruf.						
1.5. Prestazzjoni tas-sistema tal-ibbrejkjar ta' reżistenza	Spezzjoni viżiva u, fejn possibbli, ittestja jekk is-sistema tiffunzjonax.	Deskrizzjoni ġenerali		X			

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
1.6. Sistemi antilokk tal-ibbrejkjar (ABS)	Spezzjoni viżiva u spezzjoni tal-apparat ta' twissija u/jew bl-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura.	struzzjonijiet għall-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura	X	X	X	X	X
1.7 Sistema elettronika tal-ibbrejkjar (EBS)	Spezzjoni viżiva u spezzjoni tal-apparat ta' twissija u/jew bl-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura.	struzzjonijiet għall-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura	X	X	X		X
1.8 Fluwidu tal-brejkijiet	Spezzjoni viżiva						
2. STERING							
2.1. Kundizzjoni mekkanika							
2.1.1. Kundizzjoni tat-tagħmir tal-istering	Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bir-roti tat-triq maqtugħin mill-art jew fuq uċuħ tondi jduru, dawwar l-istering minn massimu ta' naħa sal-massimu tan-naħa l-oħra. Spezzjoni viżiva tat-tħaddim tat-tagħmir tal-istering.						
2.1.2. Tqabbid tal-kejsing tat-tagħmir tal-istering	Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u l-piż tar-roti tat-triq tal-vettura fuq l-art, dawwar l-istering/il-manubriju tal-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ jew billi tuża tagħmir adattat apposta tad-detezzjoni tal-laxkezza tar-roti. Spezzjoni viżiva tat-tqabbid tal-kejsing tat-tagħmir tal-istering max-xażì.						
2.1.3. Kundizzjoni tal-konnessjoni tal-istering	Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bir-roti tat-triq fuq l-art, dawwar l-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ jew billi tuża tagħmir adattat apposta tad-detezzjoni tal-laxkezza tar-roti. Spezzjoni viżiva tal-komponenti tal-istering għall-użu, għal ksur u għas-sigurtà.						
2.1.4. Tħaddim tal-konnessjoni tal-istering	Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bir-roti tat-triq fuq l-art, dawwar l-istering favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ jew billi tuża tagħmir adattat apposta tad-detezzjoni tal-laxkezza tar-roti. Spezzjoni viżiva tal-komponenti tal-istering għall-użu, għal ksur u għas-sigurtà.						

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
2.1.5. Power stering	Ikkontrolla s-sistema tal-istering għal tqattir u l-livell tal-fluwidu idrawliku (jekk jidher). Bir-roti tat-triq mal-art u bil-magna taħdem, ikkontrolla li s-sistema tal-power stering qiegħda taħdem.						
2.2. Stering, kolonna tal-istering u manubriju tal-istering							
2.2.1. Kundizzjoni tal-istering/tal-manubriju tal-istering	Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bil-massa tal-vettura mal-art, imbotta u iġbed l-istering f'linja mal-kolonna tal-istering, imbotta l-istering/il-manubriju tal-istering f'diversi direzzjonijiet f'angoli retti mal-kolonna/frieket. Spezzjoni viżiva tal-laxkezza, u l-kundizzjoni tal-akkoppjamenti flessibbli jew tal-ġonot universali.						
2.2.2 Kolonna/ġogi manjetiċi tal-istering u smorzaturi tal-istering	Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank u bil-massa tal-vettura mal-art, imbotta u iġbed l-istering f'linja mal-kolonna tal-istering, imbotta l-istering/il-manubriju tal-istering f'diversi direzzjonijiet f'angoli retti mal-kolonna/frieket. Spezzjoni viżiva tal-laxkezza, u l-kundizzjoni tal-akkoppjamenti flessibbli jew tal-ġonot universali.	Smorzatur tal-istering iffittjat (IVA/LE)				X	
2.3. Laxkezza tal-istering	Bil-vettura fuq fossa jew fuq parank, il-massa tal- vettura fuq ir-roti tat-triq, il-magna, jekk possibbli, taħdem għal vetturi b'power stering u bir-roti tat-triq fil-pożizzjoni dritta, dawwar l-istering bil-mod favur l-arloġġ u kontra l-arloġġ kemm jista' jkun mingħajr ma ċċaqlaq ir-roti tat-triq. Spezzjoni viżiva taċ-ċaqliq ħieles.						
2.4 Allinjament tar-roti (X)[2]	Ikkontrolla l-allinjament tar-roti kkwartjati b'tagħmir adattat.						
2.5. Wiċċ tond idur tal-fus ikkwartjat tat-trejler	Spezzjoni viżiva jew bl-użu ta' tagħmir adattat tad-detezzjoni tal-laxkezza tar-roti						

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
2.6. Power Stering Elettroniku (EPS)	Spezzjoni viżiva u kontroll tal-konsistenza bejn l-angolu tal-istering u l-angolu tar-roti meta tinxteħel/tintefa' l-magna u/jew bl-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura.	struzzjonijiet għall-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura	X	X			
3. VIŻIBBILTÀ							
3.1. Kamp viżiv	Spezzjoni viżiva mis-sit tas-sewwieq.						
3.2. Kundizzjoni tal-ħġieġ	Spezzjoni viżiva.						
3.3. Mirja jew apparati li juru wara	Spezzjoni viżiva.						
3.4. Wajpers tal-windscreen	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
3.5. Tagħmir li jaħsel il-windscreen	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
3.6 Sistema ta' tneħħija tat-titpin (X)[2]	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
4. FANALI, RIFLETTURI U TAGĦMIR ELETTRIKU							
4.1. Fanali ta' quddiem							
4.1.1. Kundizzjoni u tħaddim	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.	Kategorija tas-sors tad-dawl […,…]	X	X		X	X
4.1.2. Allinjament	Stabbilixxi l-mira orizzontali ta' kull fanal ta' quddiem fuq dawl baxx billi tuża apparat biex timmira l-fanali ta' quddiem jew billi tuża l-interfaċċa elettronika tal-vettura.	L-allinjament tad-dawl baxx [fil-mija] kemm għall-inklinazzjoni vertikali u kemm għad-direzzjoni	X	X		X	
		struzzjonijiet għall-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura	X	X		X	
		Sabiex tiġi stabbilita l-mira orizzontali billi tintuża l-informazzjoni tal-interfaċċa elettronika tal-vettura dwar l-attwazzjoni taċ-ċaqliq tad-dawl tal-fanal ta' quddiem biex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-allinjament	X	X		X	
4.1.3. Bdil	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim jew billi tintuża l-interfaċċa elettronika tal-vettura.	struzzjonijiet għall-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura	X	X		X	

Oġġett	Metodu	Informazzjoni meħtieġa	Kategorija li għaliha hija meħtieġa l-informazzjoni				
			< 3,5t	> 3,5t	O	L	T
4.1.4. Konformità mar-rekwiżiti[1].	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
4.1.5. Apparati ta' livellar (fejn obbligatorju)	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim, jekk possibbli, jew billi tintuża l-interfaċċa elettronika tal-vettura.	Modalità tat-tħaddim (manwali/awtomatika)	X	X		X	
		struzzjonijiet għall-użu tal-interfaċċa elettronika tal-vettura	X	X		X	
4.1.6. Apparat li jnaddaf il-fanali ta' quddiem (fejn obbligatorju)	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim, jekk possibbli.	Apparat obbligatorju [Iva/Le]	X	X			
4.2. Dwal ta' pożizzjoni ta' quddiem u ta' wara, dwal laterali, dwal li jimmarkaw il-linja ta' barra u fanali tas-sewqan binhar							
4.2.1. Kundizzjoni u tħaddim	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.	Iffittjar tal-fanali tas-sewqan binhar, [Iva/Le]	X	X		X	
4.2.2 Bdil	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
4.2.3. Konformità mar-rekwiżiti[1]	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
4.3. Fanali tal-Waqfien							
4.3.1. Kundizzjoni u tħaddim	Spezzjoni viżiva u bit-tħaddim.						
